MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 349/2005

Kawza fil-lista: 17

**Easysell Kia (Malta) Limited (C9778)**

**Vs**

**HP Cole Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta’ attrici ippremettiet:

Peress illi fid-29 ta’ April, 2004 is-socjeta’ attrici bieghet u kkinsinjat lis-socjeta’ konvenuta zewg karozzi KIA MV Mentor II FL bin-numri ta’ registrazzjoni HPC 909 u HPC 808 u dana bil-prezz ta’ sitt elef erba’ mija u disgha u disghin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm6,499.99) kull karozzi biex b’hekk il-prezz komplessiv

ghal dawn iz-zewg karozzi kien ta’ tnax-il elf disa’ mija u disgha u disghin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm12,999.98);

Peress illi sa’ llum is-socjeta’ konvenuta hallset biss is-somma ta’ tliet elef u mitejn u wiehed u sittin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm3,261.98) biex b’hekk fadal bilanc ta’ disat elef sebgha mija u tmienja u tletin lira Maltija (Lm9,738) dovut lis-socjeta’ attrici;

Peress illi ghalkemm debitament interpellata sabiex thallas din is-somma ta’ Lm9,738 is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti minghajr gjusta kawza skond il-ligi;

U peress illi d-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici s-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba attrici, u rapprezentant tas-socjeta’ attrici qieghed jannetti ma’ din ic-citazzjoni affidavit guramentat (Dokument “X”) a tenur tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta l-ghaliex, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

1. Tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta’ l-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ disat elef sebgha mija u tmienja u tletin lira Maltija (Lm9,738) lis-socjeta’ attrici.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tal-14 ta’ Frar, 2005 u tal-mandat ta’ sekwestru tal-4 ta’ April, 2005 kontra s-socjeta’ konvneuta minn issa ngjunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta’ attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejjah lanqas ma deheret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------